MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2006

Numru 373/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**Vs**

Jacques Marie sive Jacques Bonett

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Jacques Marie sive Jacques Bonett karta ta' identita' numru 168668(M), akkuzat talli:

B'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, imma li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li ghamilhom b'rizoluzzjoni wahda u cioe';

F'dawn il-Gzejjer, fil-5 ta' Jannar, 2005 ghall-habta tas-6:00 ta' fil-ghaxija kkommetta serq ta' cheque book tal-HSBC minn go vettura tal-ghamla Toyota bin-numru

GHQ042 ghad-dannu ta' Raymond Vassallo u tad-dirigenti tal-kumpanija bl-isem 'J & R Vassallo Ltd.' Liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

F'dawn il-Gzejjer, fit-8 ta' Ottubru, 2004 u fil-5 ta' Jannar 2005 u fix-xhur ta' wara din id-data, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew jmexxihom.

F'dawn il-Gzejjer, fis-27 ta' Ottubru 2004 ffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokument iehor, illi meta ppresentah rciva bih hlas, jew ha l-oggetti, jew gabar depozitu, jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm201.18, ghad-dannu tad-dirigenti tal-kumpanija bl-isem 'Ta' Karla Cash & Carry Cellars.'

F'dawn il-Gzejjer, fl-14 ta' Jannar 2005 iffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokument iehor, illi meta ppresentah rcieva bih hlas, jew ha l-oggetti, jew gabar depozitu, jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, b'mezzi konra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm75 ghad-dannu ta' Karen Sciberras minn Rahal Gdid.

Fl-istess dati u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn mill-istess cedoli, poloz, ordnijiet jew dokumenti ohra ffalsifikati.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat b'serq, ricettazzjoni u frodi.

L-akkuzi ta' serq u ricetazzzjoni huma alternattivi ghal xulxin.

L-imputat irregistra ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Fuq din l-ammissjoni l-Qorti ssibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-Artikolu 261(f)(g), 167, 308 u 17 tal-Kap 9 u fil-waqt li ssib l-imputat hati tiddecidi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggih taht sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal zmien tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------